TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 435/11/GZ

**Judy Sciberras**

**vs**

**SMS Mondial Travel**

Illum 26 ta' Novembru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-30 ta' Settembru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet il-hlas ta' tliet mitt Ewro (€300.00) bhala danni morali, u dana in vista ta' 'tour' li hija bbukjat minghand is-socjeta' ntimata, liema 'tour' ma kienx tal-livell li hija kienet hallset ghalih.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Il-lukanda '3 star' li suppost kellha toqghod fiha fil-fatt irrizulta li kien ftit kmamar gewwa blokka minghajr ebda facilitajiet. Xi whud mill-grupp kienu f'dan il-post, u xi ohrajn mill-grupp kienu gewwa l-lukanda.

Ma kienx hemm 'lift' jew 'reception' f'din il-blokka u ghal 'breakfast' kellhom jimxu sal-lukanda. Kien hemm problema bl-elettriku hekk kif waslu u c-cwievet kienu jifthu kull kamra.

Ir-rikorrenti ma felhitx ittellgha l-bagalji taghha zewg sulari bil-mixi u wara li lmetat, hija nghatat kamra fuq il-livell ta' isfel.

Kien hemm problema wkoll bl-'air conditioner' u fil-kamra kien hemm 'double bed' minnflok zewg sodod. Il-'fridge' ma kenitx tahdem u kien hemm ukoll problema bl-ilma.

Ir-rikorrenti ezebiet l-'brochures' li nghatat minghand is-Sur Lawrence Cassar.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrenti ma xtratx dan it-tour minghandha. Ir-rikorrenti, flimkien ma' shabha, kienu xtraw din il-gita minghand is-Sur Lawrence Cassar. Kien hu wkoll li mexxa dan il-grupp. Ta' min jghid ukoll li prova ta' din hi, li l-agenzija tas-socjeta' ntimata ma tat l-ebda rcevuta lil xi wahda mill-klijenti tas-Sur Cassar. L-ircevuti nhargu kollha f'ismu. Hu hallas ghall-grupp li kien gabar hu.

Ghaldaqstant il-management tas-socjeta' ntimata ma jhossux responsabbli jekk seta' kien hemm xi nuqqasijiet.

Barra minn hekk, fil-programm hemm specifikat car u tond li dawk il-klijenti li jippreferu joqodu fil-'Main Building' (ghaliex din il-lukanda tikkonsisti f''Main Building' u 'Annexes') riedu jhallsu ghoxrin Ewro (€20.00) izjed, hekk kif hemm indikat fil-'Price per Person'. Is-socjeta' ntimata tifhem illi kull klijent ghandu jaqra l-programm kollu.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopji ta' l-ircevuti kollha ddatati 11 ta' April 2011 illi kienu nhargu mis-socjeta' ntimata f'isem Mr Lawrence Cassar.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, billi stqarret li kienet tpoggiet go 'annex' u mhux fil-lukanda, kif miftiehem. Stqarret ukoll illi kellha titla u tinzel it-tarag kull darba mill-lukanda sa fejn kienet. Kienet inghatat kamra mudlama u mal-hajt. Lift ma kienx hemm, kienet fi blokka differenti mill-ohrajn u barra minn hekk, kienet fl-imwarrab. Ma kienet kuntenta xejn bil-post.

Ir-rikorrenti ezebiet kopji tad-dokumenti relattivi mat-'tour' in kwistjoni..

Ir-Rikorrenti tellghat ix-xhieda ndikati taghha, fejn liema xhieda, bil-gurament, ikkonfermaw il-verzjoni tar-rikorrenti.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata tellghat ix-xhud indikat taghha, Lawrence Cassar, fejn bil-gurament, huwa stqarr illi huwa biss 'Activities Organiser tal-University of the 3rd Age' u li ma kellu ebda funzjoni fit-tour. Stqarr ukoll illi l-'brochure' tat-'tour' in kwistjoni kien disponibbli ghal kull min staqsa ghalih. Ix-xhud ezebixxa kopja tal-'brochure' li giet immarkata bhala Dok.LC1.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, ihoss illi huwa l-obbligu tieghu u fid-dmirijiet tieghu li jikkummenta dwar il-fatt illi nonostante d-drittijiet ta' kull konsumatur, liema drittijiet ghandhom dejjem jigu osservati u rrispettati, ma jista' qatt jigi ttollerat l-abbuz ta' tali drittijiet da parti tal-konsumatur stess, b'dana illi l-konsumatur ikun irid izomm is-socjeta' responsabbli ghal kwalunkwe haga li tmur hazin. Is-socjeta' ntimata ma naqqset bl-ebda mod fis-servizzi taghha, u ma tista' qatt tinzamm responsabbli ghall-fatt illi r-rikorrenti ma nghatatx l-informazzjoni relattiv minghand il-persuna li hija xtrat it-'tour' in kwistjoni minghandha. Hareg b'mod car mill-provi illi l-persuna li r-rikorrenti xtrat it-'tour' minghandha ma kenitx impjegata mas-socjeta' ntimata u kienet din il-persuna illi fornit ir-rikorrenti bil-'brochure' u l-informazzjoni jew in-nuqqas ta' l-istess rigwardanti l-istess 'tour', u mhux is-socjeta' ntimata. Illi ghalhekk, is-socjeta' ntimata ma tista' qatt titqies responsabbli ghan-nuqqasijiet ta' haddiehor, u bl-ebda mod ma jista' jinghad illi s-socjeta' ntimata naqqset mill-obbligi taghha. Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**